MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 970/2003

**Saviour u Doris konjugi Pavia**

**vs**

**Geraldine Camilleri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-atturi fil-15 ta' Mejju, 2003, fejn intalab il-hlas ta' elf u hames mitt lira (Lm1500) u fejn inqtal illi: l-atturi kienu jirrendu diversi servizzi u ghajnuna ohra lill-konvenuta matul is-snin 1995 u 1999;**
**Illi huma kienu wkoll jipprovdu wkoll l-uzu tal-propjeta' taghhom kif ukoll is-servizzi ta' dawl u ilma u telephone lill-konvenuta u dana sabiex hija tkun tista' taghmel ix-xoghol tal-fjuri bi qliegh ghan-nies;**
**Illi l-konvenuta minkejja li kienet tithallas qatt ma kienet hallset lill-atturi l-ammont dovut lilhom li minnu**

**qed jintalab biss l-ammont ridott ta' elf u hames mija (Lm1500)**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fit-26 ta' Mejju, 2003 li fiha intqal:**

**1. Illi t-talbiet huma vessatorji ghax qed isiru wara li erbgha snin ilu thassret l-ghersija minn ma' binhom Leslie Pavia.**

**2. In oltre u bla pregudizzju ghal premess parti mill-azzjoni hija preskritta bil-perjodu ta' hames snin.**

**3. In oltre u bla predugizzju ghal premess it-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li dak li qed jigi allegat ghamluh minn rajhom senza interessi u qatt ma sar diskors dwar il-hlas u qed jaghmlu dan ghax thassret l-gherusija minn ma' binhom.**

**4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**5. Bl-ispejjez kontra l-atturi.**

**6. Illi kullma wzat mill-garage kien biss tmintax-il jum matul is-sena ghall-erbgha snin ta' l-gherusija li spiccat fil-1999.**

**Semgha x-xhieda ta' Leslie Pavia, Doris Pavia, Geraldine Camilleri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Il-pretensjonijiet ta' l-atturi qeghdin inkluzi fid-Dok A a fol 9 tal-process bhala servigi resi lill-konvenuta.**

**2. Jirrizulta illi l-konvenuta kienet gharusa ma' iben l-atturi.**

**3. Jirrizulta illi meta l-konvenuta kienet tmur ghand l-atturi fl-erba' snin li kienet tohrog mieghu kienet gieli giet mistiedna ghall-ikel ghandhom forsi xi darba fil-gimgha u kienu l-istess atturi li kienu joffrulha tiekol maghhom.**

**4. Dwar ix-xoghol tal-fjuri jirrizulta li dan kien isir fil-garage ta' l-attur. Dan ix-xoghol ma kienx xi haga kbira u kien biss ghal ftit okkazzjonijiet fis-sena. Il-konvenuta kienet tuza' l-ilma ta' l-atturi u l-garage ta'**

**l-istess u dana kienet taghmlu normalment flimkien ma' l-gharus taghha.**

**5. It-Tribunal qed jirreferi ghal kawza citata fl-ismijiet Joseph Fsadni et vs Dorianne Micallef deciza fit-28 ta' Jannar, 2004 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fejn intqal illi meta haga ssir familiaritatis causa u gradwitament ma jkunx hemm ebda obbligu ghal hlas.**

**6. Ma hemmx dubbju illi l-kawza prezenti nfethet biss peress illi ntemmet l-gherusija bejn il-konvenuta u iben l-atturi. Ma hemmx dubbju wkoll illi l-affarijiet illi pprestaw l-atturi lill-konvenuta ma kienux affarijiet barra minn lokhom anzi kienu fil-kors normali tal-hajja taghhom fis-sens illi dawn per ezempju ghall-ikel kullma kien isir kien illi meta l-konvenuta tkun maghhom din taqsam l-ikel maghhom. Is-servizz tal-garage li nghata ma kien qed itellef xejn lill-atturi u kien servizz minimu u wara kollox intiz ukoll biex ighin lil binhom, anke jekk indirettament. Ghalhekk it-Tribunal iqis illi din il-kawza fil-fatt hija naxxenti minn pika milli minn haga ohra.**

**7. Dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata ma hemmx l-artikolu u konsegwentement din ma tistax tigi akkolta.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi qed jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata, qed jichad it-talba attrici, bl-ispejjez kontra l-istess atturi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------